## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Antonovitch Muscat]

## vs

## Antonio Mifsud

**Kumpilazzjoni Numru: 1257/2007**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2006**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antonio Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 415562(M).

Akkuzat talli fi Frar 2006, u fix-xhur ta' qabel, fl-Msida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer

1. ikkorrompa lil John Farrugia, ufficcjal jew impjegat pubbliku, u irrenda ruhu komplici ma' l-istess John Farrugia filli, fil-kapacita` tieghu ta' ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;
   *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 115, u 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igiegħel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk

dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor;
*(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz ;
*(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
*(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
*(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partkolarità sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir b' l-Att jew taħt l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta.
*(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 76 tal-Kap352 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical license*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati hamsa (5) ta' Novembru elfejn u tmienja (2008) sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja u fejn ra li ghandha tinstab htija taht l-Artikoli:

(1) Fl-Artikoli 115, 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 121A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikolu 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikoli 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 76 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tittratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serje ta' proceduri li gew istitwiti mill-Pulizija stante li kien hemm allegazzjonijiet illi xi licenzji nawtici gew misjuba b'xi illegalitajiet fihom.

Illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hija fis-sens illi gialadarba l-imputat ottjena il-licenzja nawtika tieghu billi hallas persuna li kienet tahdem il-Malta Maritime Authority ossia John Farrugia, sabiex jottjeni din il-licenzja u stante li l-imputat jirrizulta li ma ghamilx il-kors mehtieg; xi haga li hi necessarja ghall hrug ta' tali licenzja; dan kollu allura jiggustifika l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Illi l-imputat minn dejjem qal fl-istqarrija tieghu, illi huwa kien kien gie dirett mill-Ministeru sabiex imur ikellem lil dan John Farrugia sabiex jghinu u jghidlu x'ghandu jaghmel biex jottjeni tali licenzja. Meta mar ghandu, dan qallu illi peress illi huwa kien diga` ghandu dghajsa, huwa kullma kellu jaghmel huwa li jgib referenza minn persuna kompetenti li huwa kien jaf isuq dghajsa kif fil-fatt hekk ghamel u rrizulta li xi zmien wara huwa irceva din il-licenzja.

Ikkunsidrat illi l-imputat huwa akkuzat taht l-Artikoli 42, 115 (korruzzjoni ufficjal pubbliku), 121A(1) tal-Kap 9 li tittratti dwar weghdi ta' flus jew vantaggi lill-terzi persuni ohra sabiex l-imputat jakkwista xi vantaggi li m'humiex xierqa; taht l-Artikolu 184 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu ta' dokument li kien jaf li kien falz, taht l-Artikolu 186 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu minn dokument imsemmi fl-Artikolu 185 tal-Kap 9, taht l-Artikolu 188 li ghamel dikjarazzjoni falza.

Illi bhala provi kullma xehdu kienu Sharon Micallef bhala rapprezentanti tal-Malta Maritime Authority li esebiet id-dokumentazzjoni kollha bhal licenzja

nawtika tal-imputat u l-applikazzjoni u fejn hija qalet li minn ricerka li ghamlet ma rrizultax li l-imputat kien ghamel xi kors jew li d-dokumentazzjoni hija korretta.

Mix-xhud Noel Galea li jahdem bhala kaptan navali mal-Virtu Ferries u li kkonferma li xi zmien qabel kien avvicinah l-imputat fejn talbu ittra ta'referenzi ghalih u jiftakar li l-imputat kien qallu li din kien riedha sabiex japplika ghall-licenzja nawtika.

Xhieda ohra ma gewx prodotti u l-anqas ix-xhieda importanti hafna ta' John Farrugia li ghamel zmien juza d-dritt tieghu sabiex ma jixhidx u dan biex ma jinriminax ruhhu u wara li nqatghu il-proceduri kontrih huwa marad serjament u ma setax aktar jixhed.

Meta din il-Qorti wiznet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni sabitha difficli ferm illi ssib xi forma ta' htija abbazi tal-akkuzi addebitati lill-imputat u dan ghaliex ma ngabitx l-ebda forma ta' prova ohra korroboranti li setghet tghin ghal kaz tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti thoss li pero` ghandha temmen il-verzjoni tal-imputat meta nghatat fi stadju bikri tal-proceduri u cioe` fl-istqarrija tieghu fejn huwa jghid li kien ghamel dak li kien qallu John Farrugia u verament kien haseb illi jekk igib ittra ta' referenzi kien jottjeni din il-licenzja. Fil-fatt u skond kif xedet Sharon

Micallef stess dan il-mekkanizmu kien jezisti ghal fuq dghajjes ta' certa entita' Fil-fatt l-imputat jghid illi huwa kien ta' din l-ittra lil John Farrugia li kien iccargjah ghaxar Liri Maltin li taghha ma kienx tah ircevuta.

Allura hija wisq verosimili illi l-istess John Farrugia kien jaghmel dawn il-manuvri sabiex jiehu l-flus hu mbaghad inehhi t-tracci ta' dawk l-ittri ta' referenzi kif fil-fatt din tal-imputat ma stabitx.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax issib htija fuq l-ebda wahda mill-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat u ghalhekk tilliberah lill-imputat Antonio Mifsud mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

___________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**